MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 512/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Pillow Space Frame Limited (C-11817) skond il-Ligi u skond il-polza ta’ assikurazzjoni (Claim: C045723)**

**Vs**

**M.M.S. Limited (C-3984) bhala agent u mandatarja tas-socjetà estera Cata Shipping Co SA ta’ Tartous, Syria, in solidum u b’Digriet ta’ l-10 ta’ Jannar 2007, il-Qorti ordnat li jigu kancellati l-kliem fl-okkju tas-socjetà konvenuta ‘bhala agent u mandatarja tas-socjetà estera Cata Shipping Co. Limited ta’ Syria, in solidum’ u jigu sostitwiti bil-kliem ‘propio u bhala agenti u mandatarji tas-socjetà estera Alianca Limited bhala armaturi tal-bastiment MV Emzari u in rapprezentanza ta’ l-istess, in solidum’**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta' liema titlob li s-socjetà konvenuta proprio u bhala agent u mandatarja tas-socjetà estera Alianca Limited bhala armaturi tal-bastiment MV Emzari u in rapprezentanza ta' l-istess, in solidum, tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf seba mija disgha u sebghin Liri Maltin u erba' centezmi (Lm1,779.04) [illum ekwivalenti ghal €4,144.04] rapprezentanti danni subiti mis-socjetà Pillow Space Frame Limited li ghalihom giet kompensata mis-socjetà attrici skond il-Ligi u a bazi ta' polza ta' assikurazzjoni marittima rigwardanti konsenja ta' travi ta' l-azzar li waslu Malta fil-21 ta' Novembru 2004 abbord il-vapur MV Emzari, ghal liema hsarat u danni huma responsabbli ghalihom il-konvenuti, jew min minnhom; bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjetà konvenuta proprio et nomine;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata mis-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi: (a) li hi ma hijiex u qatt ma kienet la l-mandatarja tas-socjetà Cata Shipping Co. SA u lanqas l-agent: hija biss l-agent tac-charterer tal-vapur in kwistjoni u cioè Alianca Limited tal-Kroazja; (b) li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana billi hi ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur; u (c) li ghandha ssir il-prova tad-danni li gew sofferti mis-socjetà Pillow Space Frame Limited;

Rat id-Digriet Taghha ta' l-10 ta' Jannar 2007 li bih, in segwitu ghal Rikors tas-socjetà attrici pprezentat fit-2 ta' Novembru 2005[1], awtorizzat il-korrezzjoni ta' l-okkju tal-kawza fis-sens li l-kliem "bhala agent u mandatarja tas-socjetà estera Cata Shipping Co. Limited ta' Syria, in solidum" jigu kkancellati u jigu sostitwiti bil-kliem "proprio u bhala agenti u mandatarji tas-socjetà estera Alianca Limited bhala armaturi tal-bastiment MV Emzari u in rapprezentanza ta' l-istess, in solidum";

Rat il-pjanta markata Dok. "P" a fol. 21 tal-process ipprezentata mis-socjetà attrici, rat l-affidavit ta' Paul Ellul markat bhala Dok. "PE" a fol. 22 tal-process, rat is-survey

[1] Fol. 9 tal-process.

report datat 4 ta’ April 2005 imhejji minn Paul Ellul u dokumenti annessi, markat bhala Dok. “S” a fol. 23 sa’ 119 tal-process, rat l-affidavit ta’ John Galdes u dokumenti annessi mieghu markati bhala Dok. “JG1” sa’ Dok. “JG5” a fol. 124 sa’ 128 tal-process, rat l-affidavit ta’ Martin Pillow a fol. 143 sa’ 145 tal-process, rat l-affidavit ta’ Ronald Galea u dokumenti annessi a fol. 151 sa’ 166 tal-process. Semghet ix-xhieda kontro-ezami ta’ Ronald Galea waqt is-seduta tas-7 ta’ Mejju 2009[2] u rat id-dokument esebit minnu markat bhala Dok. “RG” a fol. 170 tal-process. Rat id-dokument markat bhala Dok. “SC1” esebit mis-socjetà konvenuta a fol. 181 tal-process;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta a fol. 183 sa’ 186 tal-process u rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 188 sa’ 191 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni oderjna s-socjetà attrici titlob li s-socjetà konvenuta proprio et nomine tigi kkundannata, in solidum mas-socjetà Alianca Limited li taghha hija agent mandatarja, thallasha s-somma ta’ Lm1,779.04 [illum ekwivalenti ghal €4,144.04] rapprezentanti danni subiti mis-socjetà Pillow Space Frame Limited, assikurata taghha, u li ghalihom giet kompensata mis-socjetà attrici skond il-Ligi u a bazi ta’ polza ta’ assikurazzjoni marittima rigwardanti konsenja ta’ travi ta’ l-azzar li waslu Malta fil-21 ta’ Novembru 2004 abbord il-vapur MV Emzari.

Originarjament is-socjetà attrici kienet istitwiet dawn il-proceduri fil-konfront tas-socjetà konvenuta bhala agent u mandatarja tas-socjetà estera Cata Shipping Co. SA, u ghall-azzjoni kif hekk impostata s-socjetà konvenuta *inter alia* eccepiet illi hi ma hijiex u qatt ma kienet la l-mandatarja u lanqas l-agent tas-socjetà esetera Cata Shipping Co. SA. In vista ta’ tali eccezzjoni s-socjetà

---

[2] Fol. 168 sa’ 169 tal-process.

attrici, wara li ppremettiet li *jirrizulta illi s-socjetà M.M.S. Limited m'hijiex agenta ta' l-istess socjetà estera izda biss tal-charterers tal-bastiment, cioè ta' Alianca Limited ta' Croatia* u li *meta l-esponenti intavola l-kawza ried ukoll iharrek lis-socjetà konvenuta proprio kif fil-fatt jidher mill-intestatura fejn harrek lill-kumpanija* [konvenuta] *in solidum*, talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li jigu kkancellati l-kliem *bhala agent u mandata tas-socjetà estera Cata Shipping Co. Limited ta' Syria, in solidum* u jigu minflok sostitwiti bil-kliem *proprio u bhala agenti u mandatarji tas-socjetà estera Alianca Limited bhala armaturi tal-bastiment MV Emzari u in rapprezentanza ta' l-istess in solidum*[3].

It-talba tas-socjetà attrici giet milqugha b'Digriet datat 10 ta' Jannar 2007 u ghalhekk l-azzjoni attrici hija issa diretta fil-konfront tas-socjetà konvenuta proprio u bhala agenti u mandatarja tas-socjetà estera Alianca Limited bhala armaturi tal-bastiment MV Emzari u in rapprezentanza ta' l-istess, in solidum. Dana effettivament ifisser, kif gustament osservat mis-socjetà attrici fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, li l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta giet sorvolata u b'hekk ma hemmx lok tigi trattata ulterjorment.

Fil-mertu s-socjetà konvenuta proprio et nomine topponi ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li t-talba tas-socjetà attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetà ghaliex hi ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati, u bl-eccezzjoni li fi kwalunkwe kaz jehtieg issir il-prova tad-danni sofferti mis-socjetà Pillow Space Frame Limited, l-assikurata tas-socjetà attrici.

Kif già osservat is-socjetà attrici qed tfittex lis-socjetà konvenuta proprio et nomine, in solidum, ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,779.04, illum ekwivalenti ghal €4,144.04, minnha imhallsa lill-assikurata taghha Pillow Space Frame Limited in bazi ghal polza ta' assikurazzjoni marittima rigwardanti konsenja ta' travi ta' l-azzar li waslu Malta fil-21 ta' Novembru 2004 abbord il-vapur MV Emzari, u li

[3] Rikors ipprezentat fit-2 ta' Novembru 2005, fol. 9 tal-process.

numru minnhom inhattew mill-imsemmi vapur danneggjati.

Mill-affidavit ta' Martin Pillow[4], rapprezentant tas-socjetà Pillow Space Frame Limited, jirrizulta li dik is-socjetà kienet *xtrat kwantità ta' travi tal-hadid minghand kumpanija li tinsab Mozzecane, Verona u dawn kellhom jibghatu x-xoghol Malta. It-travi li xtrajt kienu mahdumin fis-sens illi dawn kellhom il-flunges fil-gnub taghhom u titqieb skond l-specifications li konna tajnihom. … Il-vapur bil-merkanzija wasal Malta fid-19 ta' Novembru 2004. Ftit wara jiena personalment mort fuq il-vapur biex nara l-materjal u malli rajt it-travi abbord indunajt li kien hemm il-hsara….*

Il-fatt li kien hemm xi travi tal-hadid dannegjati gie kkonfermat mis-surveyor Paul Ellul. Fis-survey report tieghu datat 4 ta' April 2005[5] huwa kkonstata li *following instructions received on the 25th November 2004 we went to Deep Water Quay, Marsa, where the consignment of Steel Structural Beams were being unloaded from on board the m/v Emzari. Although the MMA Gate Inspectors would not allow us to enter the port area, we viewed a number of the beams in question which had already being unloaded from the vessel and placed on quay, and some of these beams were noted dented. Outside the port area we met and discussed matters with consignees who informed us that the cargo in question consisted of 47 Bundles and 21 pieces Structural Steel Beams which were to be used for the construction of a factory at Hal Far. The goods were shipped from Italy to Malta as loose cargo on board the m/v Emzari. The vessel arrived at Malta on the 19th November 2004 and berthed at Deep Water Quay, Marsa. Consignees advised us that during unloading operations of their cargo they had viewed the Steel Structural Beams whilst they were still stowed inside the vessel's holds and a number of beams were noted damaged. In this respect annexed please find copies of the corresponding MMA Gate Pass-Out Forms on which the cargo damage remarks are listed. On the afternoon of*

[4] Fol. 143 sa' 145 tal-process.
[5] Fol. 23 sa' 28 tal-process.

*the 25th November 2004, we went over to construction site at Hal Far were the Structural Steel Beams were being delivered from Deep Water Quay, Marsa. There we found a total of 7 beams which had suffered damages in the form of dents to the edges and some beams were found warped. Since at the time, not all the beams delivered from the port area, we called again to the site on the 6th December 2004 when all the steel beams had been delivered to the site. At this time a total of 20 Steel Structural Beams were found dented and/or warped to varying degrees (Photographs 1-8)*.

In bazi ghal dawn il-konstatazzjonijiet Paul Ellul ikkonkluda li *in our opinion, the damages found resulted from abnormal rough handling during transit so that we feel that the Marine Insurance Cover is engaged in this instance*, u Martin Pillow afferma li l-hsara lit-travi giet ikkawzata minhabba l-mod kif gew stivati l-istess travi u merkanzija ohra li kien hemm fil-vapur: *fil-hold tal-vapur kien hemm hafna materjal tal-hadid. Fil-qiegh nett kien hemm it-travi taghna u travi ohra u fuqhom kien hemm rombli tal-hadid u anke xi injam. Ghamilt gurnata nistenna sakemm hattew l-injam u r-rombli tal-hadid biex imbaghad inkixfu t-travi. Dan kien fl-24 ta' Novembru 2004. Meta jiena rajt it-travi indunajt mill-ewwel li kien hem mil-hsara u nghid li l-hsara grat minhabba li dawn ma kienux stivati kif suppost. Ix-xoghol taghna kien jikkonsisti f'travi <u>mahdumin bil-flunges fit-trufijiet taghhom</u>. Normalment meta jkunu <u>travi mhux mahdumin</u> ikollhom section taghhom tkun forma ta' ittra H. Dawn it-travi jitqieghdu ma gemb xulxin. Imbaghad is-saff ta' fuqhom jserrah fuq il-parti vertikali ta' l-"H" section u b'hekk dawn ikunu interlokkjatio. Fil-kaz taghna, billi t-travi kienu mahdumin bil-flanges fl-irjus dawn ma setghux jigu stivati hekk. Suppost gew stivati billi t-tieni saff jitqieghed bil-kontra u cjoe l-flange jigi fuq in-naha tat-travu u taht li ma jkollux flange, b'dan illi l-flange ta' fuq jisporgi ftit 'l barra mit-tarf tat-travu ta' taht. Imbaghad fuq kull zewg saffi jitqieghedu separators xierqa bejn saff travi u iehor. F'dan il-kaz partikolari s-serparators, minflok ma kienu tal-hadid, kienu b'serratizzi tal-injam izda gara li minhabba l-piz enormi tal-merkanzija li giet stivata fuq dawn it-travi, dawn is-serratizzi ma*

*kienux b'sahhithom bizzejjed biex izommu l-piz u dawn fallew u ghalhekk ma kienx hemm spread uniformi tal-piz tat-travi u b'hekk saret hsara fit-travi. Jekk wiehed juza serratizzi tal-injam, dawn ghandhom jkunu vicin ta' xulxin biex jkunu tali li jifilhu l-piz*[6]*.*

Is-socjetà konvenuta mhux qed tikkontesta l-fatt li xi materjal li kien stivat fuq il-vapur, inkluzi t-travi akkwistati mis-socjetà Pillow Space Frame Limited, garrab hsara waqt il-vjagg mill-Italja ghal Malta, izda tikkontendi li ma hijiex responsabbli ghal tali hsara billi din giet kawzata mhux minhabba stivar hazin, izda minhabba maltemp li nqabad fih il-vapur fi triqtu lejn Malta. Ronald Galea, impjegat mis-socjetà konvenuta, xehed illi *waqt il-vjagg tieghu lejn Malta l-vapur skontra maltempata kbira u di fatti kellu jieqaf biex jistkenn darbtejn, l-ewwel darba fuq gzira fil-Kroazja Unije fejn baqa' jiskenn bejn l-14 u s-16 ta' Novembru 2004 u t-tieni darba Sqallija senjatament f'Capo Passaro, fejn dam jiskenn bejn l-20 u l-21 ta' Novembru 2004 u dana kif jidher mill-Statement of Protest mahrug mill-kaptan, li qieghed jigi mmarkat bhala Dok. "RG1". Il-vapur wasal Malta fit-22 ta' Novembru 2004, u mal-wasla tal-vapur, il-kaptan irregistra sea protest, liema sea protest sar quddiem in-Nutar Rachel Mallia, u dana kif jidher id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "RG2". Peress illi t-22 ta' Novembru 2004 kien is-Sibt, il-vapur beda jinhatt fl-24 ta' Novembru 2004 li kien it-Tnejn. Meta beda jinhatt ix-xoghol minn fuq il-vapur instab illi kien hemm xi materjal illi kien garrab il-hsara … jiena ilni nahdem f'dan ix-xoghol ghal madwar tletin sena u naf kif jigi stivat il-merkanzija fuq il-vapuri. Li nista' nghid hu illi meta jigi stivat ix-xoghol, il-merkanzija t-tqil, bhal per ezempju hadid, jitghabba taht u dan anki minhabba l-istabilità tal-vapur*[7]*.*

Id-difiza tas-socjetà konvenuta hija ghalhekk ibbazata fuq il-kuncett tal-kaz fortuwitu, u cioè il-maltempata rikonstrata mill-vapur tul il-vjagg tieghu lejn Malta. Kif ormai ben stabbilit fis-sistema guridika nostrali, f'tali kaz l-oneru tal-

---

[6] Affidavit ta' Martin Pillow, fol. 143 sa' 145 tal-process.
[7] Affidavit ta' Ronald Galea u dokumenti annessi mieghu, a fol.151 sa' 167 tal-process.

prova jinkombi principalment fuq minn jallega l-kaz fortuwitu, u cioè fuq is-socjetà konvenuta - *jekk id-depozitarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala l-motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata, il-prova tal-kaz fortuwitu hija mixhuta fuqu*[8].

Is-socjetà konvenuta tissosstanzja din id-difiza taghha bis-*sea protest* registrat mill-Kaptan tal-vapur mal-wasla tieghu Malta. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha tikkontendi li *s-socjetà rikorrenti, konvenjentement ghaliha, ghazlet li tinjora kompletament il-fatt illi l-vapur kien skontra hafna maltemp fil-vjagg tieghu lejn Malta, tant illi kellu jieqaf darbtejn biex jistkenn, l-ewwel darba fil-Kroazja fejn dam jistkenn ghal tlett ijiem shah u t-tieni darba fi Sqallija senjatament f'Capo Passero fejn dam jistkenn bejn l-20 u l-21 ta' Novembru 2004. Illi minhabba dan il-maltemp, mal-wasla tal-vapur f'Malta, u qabel lanqas biss beda jinhatt ix-xoghol, il-kaptan tal-vapur hass in-necessità illi jaghmel 'sea protest', liema 'sea protest' sar quddiem in-Nutar Rachel Mallia fit-22 ta' Novembru 2004 u cjoe dakinhar illi l-istess vapur kien dahal Malta, liema "sea protest" jinsab debitament ezibit in atti. Illi r-registrazzjoni ta' "sea protest" hija prassi normali fil-kamp marittimu, u tintuza meta l-vapur ikun skontra dawk li komunement jissejjhu 'perils of the sea' waqt il-vjagg tieghu, u dana bil-ghan illi sid il-vapur jew ic-charterer ufficjalment jirregistra tali stat ta' fatt u jezimi ruhu minn kwalsiasi responsabilità illi jaghmel tajjeb ghad-danni risultanti minn xi hsara illi setghet garbet il-merkanzija rizultat ta' tali maltemp*[9].

Is-*sea protest*, jew testimonjal, hu regolat fil-Ligi nostrali bl-Artikolu 104 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap.234 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi: *(1) Meta bastiment jigrilu hsara jew jinkalja, jigi abbandunat jew jintilef, jew meta minhabba l-maltemp jew raguni ohra jkollu jidhol f'xi port, il-kaptan ghandu, fi zmien erbgha u ghoxrin siegha minn mindu jigri dan jekk dan jigri waqt li*

---

[8] Carmela armla minn Joseph Sapiano et noe v. Antonia mart Vincenzo Fenech et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 1997 u Dr. Carmel Chircop LL.D. noe v. Avukat Dr. Kevin F. Dingli noe, Citaz. Nru. 1042/96RCP deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 2001.

[9] Fol. 186 tal-process.

*hu fil-port, jew fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mill-wasla tieghu f'xi port jekk dak li jkun gara jkun gara f'post iehor, jaghmel testimonjal bil-mod provdut b'dan l-artikolu. (2) Il-kaptan ghandu wkoll, fil-hin li jaghmel it-testimonjal tieghu, jipproduci l-gurnal t'abbord ufficjali tieghu u l-gurnal tal-bastiment u jara li dawn jigu ffirmati mill-awtorità li quddiemha jsir it-testimonjal*. *(3)* ***F'Malta it-testimonjal ghandu jsir quddiem l-imhallef tal-Qorti Civili, Prim' Awla; f'pajjiz iehor ghandu jsir quddiem l-ufficjal konsulari ta' Malta jew, fin-nuqqas ta' dak l-ufficjal quddiem awtorità lokali***[10]*; (4) F'testimonjal il-kaptan ghandu jghid bil-gurament il-post u l-hin minnfejn salpa, ix-xorta tal-merkanzija, il-korsa li ha, il-periklu li ltaqa' mieghu u il-hsara li grat lill-bastiment, u l-fatti l-ohra kollha rilevanti, b'mod partikolari dawk li ghandhom x'jaqsu ma' l-incident li dwaru jsir it-testimonjal; (5)* ***L-awtorità li quddiemha jsir it-testimonjal ghandha, minnufih wara li l-kaptan ikun ghamel id-dikjarazzjoni tieghu, tezamina bil-gurament mhux inqas minn tliet membri ta' l-ekwipagg u, meta jkun prattikabbli, uhud mill-passiggieri***[11]*; (6) Meta jkun mehtieg li jsir testimonjal, il-kaptan ma ghandux, hlief f'kaz ta' periklu imminenti, jhott xi merkanzija mill-bastiment sakemm jaghmel it-testimonjal; (7) Kull parti interessata tkun tista' tipprova kull fatt kuntrarju ghal dak li jintqal fit-testimonjal;* ***u jekk it-testimonjal ma jsirx fiz-zmien specifikat fis-subartikolu (1), kull parti interessata tista' tipprova kull fatt li seta' jirrizulta mit-testimonjal, jew xort' ohra li ghandu x'jaqsam ma' l-incident, b'kull mezz iehor***[12]*; (8) Jekk il-kaptan jonqos li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu hu jkun responsabbli lejn kull parti interessata ghal kull dannu w imghax*.

Minn ezami ta' l-atti processwali u partikolarment tad-dokumenti a fol. 154 sa' 162 tal-process esebiti minn Ronald Galea, jirrizulta immedjatament evidenti li dak id-dokument illi s-socjetà konvenuta tirreferi ghalih bhala *sea protest* fil-fatt ma huwiex u ma jistax jitqies bhala tali ghall-finijiet tal-Ligi nostrali. Il-procedura mehtiega sabiex isir

[10] Enfasi tal-Qorti.
[11] Enfasi tal-Qorti.
[12] Enfasi tal-Qorti.

*sea protest* ai termini tal-Ligi nostrali – Art. 104(3) u (5) tal-Kap.234 tal-Ligijiet ta' Malta – ma gietx segwita u ghalhekk id-dokument imhejji mill-Kaptan tal-vapur m/v Emzari fil-21 ta' Novembru 2004 u iskritt fl-atti tan-Nutar Rachel Mallia fit-23 ta' Novembru 2004 ma johloqx l-effetti guridici u probatorji ta' *sea protest* pretizi mis-socjetà konvenuta.

L-Artikolu 104(7) tal-Kap.234 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *jekk it-testimonjal ma jsirx fiz-zmien specifikat fis-subartikolu (1), kull parti interessata tista' tipprova kull fatt li seta' jirrizulta mit-testimonjal, jew xort' ohra li ghandu x'jaqsam ma' l-incident, b'kull mezz iehor*. B'hekk fin-nuqqas ta' *sea protest* validu skond il-Ligi, is-socjetà konvenuta jehtigilha tipprova d-difiza taghha b'kull mezz iehor, prova li però fil-fehma tal-Qorti ma saritx.

Kif gustament osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Dottor Carmel Chircop LL.D. noe v. Avukat Dr. Kevin F. Dingli noe, Citaz. Nru.1042/96RCP** deciza fid-9 ta' Jannar 2001, *normalment, vapur jiltaqa' ma' dawn is-sitwazzjonijiet ta' maltemp u bahar qawwi fit-tragitti tieghu u bl-ebda mod, sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, ma jista' jinghad illi kull maltemp jew bahar qawwi ghandu jiskolpa lill-carrier jew lill-vapur minn kull responsabbilità u htija. "Hu fatt maghruf li tbassir tat-temp ma huwa qatt esercizzju ta' infallibilità u li fuq il-bahar it-temp jista' kultant jiddeterjora f'daqqa u minghajr preavviz" (John Abela noe v. L-Avukat Dottor Philip Sciberras noe – Qorti tal-Kummerc (JDC) – 6 ta' Marzu, 1991.* Sabiex tali difiza tista' tirnexxi jrid jigi ppruvat li l-hsara lit-tghabbija grat minhabba l-azzjoni vjolenti tar-rih u tal-mewg, basta li din il-hsara ma tkunx il-konsegwenza ta' xi negligenza ta' xi hadd[13].

Is-socjetà konvenuta tirribatti l-pretensjoni ta' Martin Pillow li l-hsara lit-travi grat ghaliex dawn ma gewx stivati b'mod korrett[14] u l-konkluzzjoni tas-surveyor Paul Ellul li l-hsara giet kawzata minhabba *abnormal rough handling during*

---

[13] John Abela v. Dr. Philip Sciberras noe, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Novembru 1989.
[14] Affidavit ta' Martin Pillow, fol. 143 sa' 145 tal-process.

*transit*, billi issostni li *l-konkluzzjoni tas-Sur Ellul illi l-hsarat graw minhabba dak li huwa jsejjah bhala "abnormal rough handling during transit" hija konkluzzjoni frivola ghall-ahhar u mhijiex sostanzjata b'ebda mod, stante li huwa ma kienx prezenti, la waqt it-"transit" u l-anqas waqt il-"handling" u bhala tali, zgur illi mhux f'posizzjoni li jikkumenta u wisq anqas li jiccertifika li kien hemm xi nuqqasijiet da parte tal-esponenti. Ghalhekk, gjaladarba x-xhieda/rapport tieghu mhumiex ibbazati fuq fatti minnu attwalment konstati, izda biss fuq supposizzjonijiet gratuwiti, tali xhieda/rapport huma bir-rispett kollu rrilevanti ghall-kawza odjerna. Illi ghal dak illi jirrigwarda x-xhud Martin Pillow, ghalkemm dan ighid fl-affidavit tieghu illi kien tela fuq il-vapur qabel ma beda jinhatt ix-xoghol, b'kull rispett lejn is-Sur Pillow, huwa mhuwiex kompetenti biex jighid kif ghandu jigi stivat ix-xoghol fuq vapur, u ghaldaqstant mhuwiex xhud kompetenti saibex jixhed dwar il-metodu idoneju ta' stivar ta' merkanzija fuq vapur[15].* Skond is-socjetà konvenuta l-unika xhieda li ghandha titqies minn din il-Qorti bhala xhieda rilevanti u attendibbli hija dik ta' Ronald Galea, li fl-affidavit tieghu spiega li *jiena ilni nahdem f'dan ix-xoghol ghal madwar tletin sena u naf kif jigi stivat il-merkanzija fuq il-vapuri. Li nista' nghid hu illi meta jigi stivat ix-xoghol, il-merkanzija t-tqil, bhal per ezempju hadid, jitghaba taht u dana anki minhabba l-istabilità tal-vapur*[16], billi *huwa persuna illi ghandha esperjenza estensiva fil-kamp marittimu u merkantili*[17].

Il-Qorti però ma taqbilx ma' dak sottomess mis-socjetà konvenuta u dana ghas-segwenti ragunijiet: (i) Il-fatt li s-surveyor ma kienx prezenti waqt il-*handling* tal-merkanzija u ma kienx fuq il-vapur waqt it-tragitt, ma jgibx fix-xejn il-konkluzzjoni tieghu dwar kif giet ikkawzata l-hsara lit-travi. Kieku kellu jkun hekk, ebda rapport ta' surveyor dwar merkanzija trasportata fuq vapur jew mezz iehor ta' trasport li tkun sofriet hsara ma jkun jista' jigi accettat ghaliex is-surveyor ma jkunx fuq il-vapur waqt il-*handling* tal-merkanzija u/jew waqt it-tragitt, izda jara l-merkanzija

[15] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta, fol. 185 tal-process.
[16] Fol. 153 tal-process.
[17] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta, fol. 185 tal-process.

biss meta tasal fid-destinazzjoni taghha; (ii) Minn ezami tar-rapport ta' Paul Ellul johrog car li l-konkluzzjoni tieghu dwar il-kawza tal-hsara lit-travi ma hijiex affattu frivola in kwantu din ma hijiex ibbazata fuq supposizzjonijiet gratuwiti kif affermat mis-socjetà konvenuta izda hija bbazata fuq konstatazzjonijiet li huwa ghamel wara li ra t-travi u l-istat li kienu fih meta dawn thattew mill-vapur u wara li kellem lill-*cosignees,* ossia mar-rapprezentanti tas-socjetà Pillow Space Frame Limited; u (iii) Ix-xhieda ta' Martin Pillow, u partikolarment l-ispiegazzjoni li ta dwar il-kawza tal-hsara fit-travi tal-hadid akkwistati mis-socjetà tieghu, ma hijiex affattu inattendibbli fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Ronald Galea. Kulma qal Galea fl-affidavit tieghu hu li hadid, minhabba t-toqol tieghu, jigi stivat fil-qiegh tal-vapur ghall-finijiet ta' stabilità, izda bl-ebda mod ma indirizza dak attwalment kontestat minn Martin Pillow u cioè li l-hsara giet kawzata minhabba l-fatt li *f'dan il-kaz partikolari s-serparators* (bejn is-saffi ta' travi), *minflok ma kienu tal-hadid, kienu b'serratizzi tal-injam izda gara li minhabba l-piz enormi tal-merkanzija li giet stivata fuq dawn it-travi, dawn is-serratizzi ma kienux b'sahhithom bizzejjed biex izommu l-piz u dawn fallew u ghalhekk ma kienx hemm spread uniformi tal-piz tat-travi u b'hekk saret hsara fit-travi. Jekk wiehed juza serratizzi tal-injam, dawn ghandhom jkunu vicin ta' xulxin biex jkunu tali li jifilhu l-piz*[18]*.*

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta li l-hsara fit-travi tal-hadid akkwistati mis-socjetà Pillow Space Frame Limited giet ikkawzata mhux minhabba l-maltemp li l-vapur m/v Emzari ltaqa' mieghu fi trieqtu lejn Malta, izda minhabba stivar hazin tat-travi fl-istess vapur. B'hekk is-socjetà konvenuta *qua* agent u mandatarja tas-socetà Alianca Limited, armaturi tal-vapur m/v Emzari, hi responsabbli lejn is-socjetà attrici ghall-hsara kawzata u konsegwenti danni sofferti.

Ghalkemm il-Qorti hi tal-fehma li s-socjetà konvenuta *qua* agent u mandatarja ta' l-armaturi tal-vapur hija

[18] Affidavit ta' Martin Pillow, fol. 143 sa' 145 tal-process.

responsabbli lejn is-socjetà attrici, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tas-socjetà konvenuta f'isimha personali.

Fis-sentenza **Charles Schembri noe v. Frederick Frendo noe et, Citaz. Nru. 113/94** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Jannar 2002, gie osservat illi *n-natura guridika ta' l-agent tal-vapur kif tradizzjonalment koncepita u li hi dik li tohrog minn insenjament tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza bl-ismijiet Emanuele Cassar vs Silvio Mifsud nomine (Vol. XXXIX.iii.821). "Ir-rapprezentanza tal-proprjetarji u armaturi ta' bastimenti hija fil-fatt diviza bejn il-kaptan u r-rakkomandatarju. L-ewwel wiehed jipprovdi ghall-funzjoni teknika jigifieri ghall-govern tal-bastiment. L-iehor hu prepost ghall-funzjoni ekonomika jigifieri ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' trasport. Ir-rakkomandatarji huma ta' tlett speci, is-semplici konsenjatarji, r-rakkomandatarji proprji u r-rapprezentanti jew agenti tas-socjetajiet ta' navigazzjoni. Il-konsenjatarji jew agenti ta' bastiment huma dawk li jigu maghzulin kull darba li bastiment imur fil-port fejn joqghod il-konsenjatarju, fejn ma jkunx hemm rakkomandatarju stabbilit u l-fakultajiet taghhom huma limitati ghall-operazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu u li jkunu il-konsegwenza tal-fatt tal-karikament u tal-iskarikament ta' bastiment wiehed determinat f'port wiehed. Il-figura guridika taghhom hija kwindi dik ta' mandatarju okkazjonali b'mandat sepcjali u limitat. … Ir-rapprezentanti jew agenti tas-socjetajiet ta' navigazzjoni huma istitutri veri u proprji ghaliex jittrattaw u jikkonkludu abitwalment l-affarijiet kollha tas-socjetà li jirrapprezentaw u l-post fejn joqghodu u f'dak il-post huma preposti ghall-kummerc kollu li fl-istess post jigi ezercitat mis-socjetà mandanti.*

Fis-sentenza **Alfred Calleja et noe v. Carmelo Ellul Sullivan et noe et, Citaz. Nru. 343/81PS** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 2004, inghad illi *r-rapprezentant lokali ta' l-armatur esteru, imbaghad avvolja kien semplicement konsenjatarju tal-bastiment ghal dik id-darba biss li l-bastiment kien Malta, u hekk kien mandatarju okkazzjonali bil-fakoltajiet tieghu limitati ghall-operazzjonijiet attinenti u konsegwenti ghall-fatt tal-*

*karikazzjoni u ta' l-iskarikazzjoni ta' bastiment determinat, ghandu r-rapprezentanza attiva u passiva ta' l-armatur ghal dawk l-operazzjonijiet specifici, u kwindi hu persuna legittima biex jirrapprezenta lill-armatur f'azzjoni ghad-danni pretizi minn ezekuzzjoni hazina ta' obbligazzjoni assunta ghat-trasport ta' merkanzija u ghad-danni konsegwenzjali (Kollez. Vol. XLIII P III p856; "David Curmi noe v. Frederick Frendo nomine, Appell Kummercjali, 31 ta' Ottubru 1994). Konsegwentement, ir-rakkomandatarju 'jista' jigi citat ghan-nom ta' l-armaturi, basta jkunu attijiet li ma jeccedux il-generu ta' affair li r-rakkomandatarju hu nkarikat minnhom". Bhala persuni nkarikati bil-konsenja tal-merkanzija 'huma persuni legittimi biex jirrispondu ghal domanda dwar nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija" (Kollez. Vol. XL P III p619).*

Mill-insenjamenti enuncjati fl-imsemmija zewg sentenzi johrog car li l-agent ta' l-armatur ghandu u jista' jitharrek biex **jirrapprezenta lill-armatur** f'azzjoni ghad-danni pretizi minn ezekuzzjoni hazina ta' obbligazzjoni assunta ghat-trasport ta' merkanzija u ghad-danni konsegwenzjali. Sabiex dan l-istess agent jista' jitqies personalment responsabbli fil-konfront tad-danneggjat ghad-danni minnu subiti necessarjament ghandu jigi ppruvat ness bejn l-agir ta' l-agent fil-vesti tieghu personali jew agir li jmur oltre l-mandat moghti lilu u d-danni sofferti mid-dannegjat.

Fil-kaz in ezami s-socjetà attrici ma resqet ebda prova li turi b'mod sodisfacenti li s-socjetà konvenuta f'isimha personali b'xi mod ikkawzat jew ikkontribwiet ghall-hsara kawzata lit-travi u l-konsegwenti danni sofferti.

Is-socjetà konvenuta teccepixxi wkoll li s-socjetà attrici ghandha tressaq il-prova tad-danni li gew sofferti mis-socjetà Pillow Space Frame Limited, assikurata taghha. Fil-fehma tal-Qorti din il-prova giet sodisfacentement prodotta mis-socjetà attrici tramite x-xhieda ta' Paul Ellul[19] u x-xhieda ta' John Galdes[20], u d-dokumenti minnhom rispettivament esebiti.

---

19 Affidavit u dokumenti annessi, a fol. 22 sa' u 119 tal-process.
20 Affidavit u dokumenti annessi, a fol. 124 sa' 128 tal-process.

Flimkien mas-survey report ta’ Paul Ellul hemm annessi bhala formanti parti integrali minnu, il-fatturi prodotti mis-socjetà Pillow Space Frame Limited relattivi ghall-ispejjez minnha inkorsi biex taghmel ir-riparazzjonijiet mehtiega lit-travi tal-hadid danneggjati fuq il-vapur m/x Emzari. L-ammont totali rizultanti minn dawn il-fatturi huwa ta’ Lm1,804.04, li skond ir-rakkomandazzjoni ta’ Paul Ellul lis-socjetà attrici kellu jithallas minnha lis-socjetà Pillow Space Frame Limited, *less any policy excess*. A bazi ta’ din ir-rakkomandazzjoni s-socjetà attrici hallset lis-socjetà Pilllow Space Frame Limited is-somma ta’ Lm1,779.04 kif jirrizulta mis-*subrogation form* esebita bhala Dok. “JG3” ma’ l-affidavit ta’ John Galdes a fol. 126 tal-process, li hija s-somma li issa tippretendi hlas taghha minghand is-socjetà konvenuta.

Is-socjetà konvenuta ma ressqet ebda prova li tikkontradici dak rizultanti mid-dokumenti imsemmija u l-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex taccetthom bhala prova tad-danni sofferti mis-socjetà Pillow Space Frame Limited u konsegwentement mis-socjetà attrici. Jigi in oltre osservat li *m’ghandux jigi prezunt illi s-socjetà assiguratici thallas leggerment danni reklamati minnha u l-Qorti tifhem li tkun ghamlet dan wara d-debita verifika*[21].

Ghaldaqstant in kwantu d-danni gew debitament ippruvati, l-istess ghandhom jithallsu lis-socjetà attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tas-socjetà attrici limitatament fil-konfront tas-socjetà konvenuta bhala agent u mandatarja tas-socjetà estera Alianca Limited bhala armaturi tal-bastiment m/v Emzari, in rapprezentanza ta’ l-istess, u f’tali kapacità tikkundannaha thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ erbat elef mija erbgha u erbghin Euro u erba’ centezmi (€4,144.04), ekwivalenti ghal Lm1,779.04, bl-imghax legali dekoribbli mill-10 ta’ Jannar 2007 (id-data tan-notifika ta’ l-Avviz kif korrett) sad-data ta’ l-effettiv

[21] Reginald Micallef et noe v. Godwin Abela et noe, Citaz. Nru. 1048/86PS deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar 2003.

pagament. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta bhala agent u mandatarja tas-socjetà estera Alianca Limited bhala armaturi tal-bastiment m/v Emzari, in rapprezentanza ta’ l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------